Minuti tal-21 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li
nzammet b'urgenza u saret nhar il-Hamis 9 ta' Dicembru, 2010.
Il-laqgha nbdiet hin 13.00pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | **Membri:** |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

1.1 Peress li din kienet laqgha imsejjha b'urgenza ma kinux ipprezentati il-Minuti tal-20 laqgha.

**2. Way forward dwar ir-rizultat tar-Referendum Konsultattiv 08/12/2010.**

2.1 Is-Sindku spjega illi wara illi nzamm ir-referendum u hargu ir-rizultati qed tinzamm din il-laqgha sabiex jigi stabbilit il-way forward dwar ir-rizultat tar-referendum. Huwa spjega li mhux sew li qed tinghata l-impressjoni jew li xi hadd qed jghaddi il-messagg li huwa kontra il-kamra tan-nar li hemm applikata li hija ta' nies mill-Gharb. Hu qal ukoll li ma kienx hu li wera x-xewqa li dan ir-referendum ghandu jsir pero id-decizjoni ahharija ittiehed mill-Kunsill unanimament. Ix-xewqa hi li dan l-avveniment ma jkunx suggett li jifred lill-Kunsill izda l-operat ghandu jibqgha ghaddej normali.

2.2 Numru ta' persuni li huma favur il-kamra tan-nar attendew ghal-laqgha fejn is-Sindku stedinhom sabiex jghaddu il-messagg taghhom. Huma spjegaw illi gew sabiex jaraw x'decizjoni ser jiehu il-Kunsill.

2.3 Lisa Brooke qalet illi l-Kunsill ma kellux x'jaqsam ma din il-bicca xoghol izda dahal fiha moralment. Hija qalet illi madwar 60% tal-elettorat ma harigx jivvota u li mill-40% li hareg jivvota madwar 40% ivvutaw iva.

2.4 Il-Kunsill beda jiddiskuti ir-rizultat tar-referendum fejn kien hemm diversi opinjonijiet differenti ta' kif dan ghandu jigi interpretat. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni sabiex ma jkunx hemm partecipazzjoni u diskussjoni dwar temi li fuqhom il-Kunsill ghandu kunflitt ta' interess.

2.5 Il-Kunsill gie mistoqsi mir-residenti prezenti illi meta kien hemm l-applikazzjoni tal-kamra tan-nar 'ta' Maruzz' il-Kunsill kien iddecieda le u kienet saret petizzjoni, setghetx issir petizzjoni wkoll din id-darba dwar l-applikazzjoni tal-kamra tan-nar tal-Gharb.

2.6 Gie spjegat illi l-Kunsill dwar l-applikazzjoni ghall-permezz tal-kamra tan-nar tal-Gharb ghazel li jibqa' newtrali u ihalli f'idejn il-MEPA sabiex tiddeciedi.

2.7 Dwar ir-referendum il-Kunsill b'mod unanimu iddecieda li dan ghandu jsir. Kien spjegat ukoll li r-referendum ma kienx intenzjonat ghal xi applikazjoni jew permess partikulari jew pendenti izda kien wiehed generali.

2.8 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-*way forward* ghandha tkun li jintbaghtu ir-rizultati kif ippublikati wara l-elezzjoni lill-media u lill-awtoritajiet.

**2.9 Materji ohra.**

2.10 Giet trattata il-korrispondenza mir-Regjun Ghawdex dwar l-inizjattiva tad-distribuzzjoni tax-xfafar Gilette mill-Kunsilli Lokali. Id-data proposta sabiex jitqassmu ix-xfafar fl-Gharb hija mill-5 sas-7 ta' Jannar, 2010. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-inizjattiva u mad-dati proposti.

2.11 Gie spjegat illi l-attivita' socjali ghat-tfal tal-iskola primarja ta' zmien il-Milied ser issir fit-30 ta' Dicembru f'kollaborazzjoni mal-Parrocca.

2.12 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir l-attivita' tat-tizjin tas-sigra tal-Milied bis-sehem tat-tfal tal-iskola primarja permezz ta' tizjin maghmul mit-tfal stess minn materjal irriciklat u bhala parti minn attivita' li ser tkun qed issir gewwa diversi skejjel ohra Ewropej. L-attivita' ser issir fis-17 ta' Dicembru.

2.13 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tigi organizzata harga socjo-kulturali ghal Malta fl-ewwel jiem tas-sena 2011.

2.14 Gie spjegat illi avveniment iehor importanti fil-lokalita' ser tkun ic-cerimonja tal-pussess tal-Arcipriet li ser issir fid-9 ta' Jannar.

2.15 Ghandha tigi stabbilita' data wkoll ghall-ikla tal-Kunsill.

Il-laqgha spiccat hin 2.45pm. Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv